

# Il-Fided tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

Emmanuel Magro Conti

Wara li fl-aħħar tliet snin (programm tal-festa 2015, 2016 u 2017) rajna numru ta' affarijiet tal-fidda ferm interessanti u wħud storiċi wkoll li jappartjenu lill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu mwaqqfa fis-Santwarju tal-Belt Valletta, din is-sena ġejt mitlub biex nibda nagħti ħarsa lejn numru ta' biċċiet tal-fidda li jappartjenu lis-Santwarju stess. L-ammont u l-kwalità ta' affarijiet liturġiċi tal-fidda li għandha din il-knisja, li kif rajna eventwalment saret Santwarju u Bażilika fis-seklu dsatax, juru kemm il-Maltin u anke l-barranin riedu li bl-offerti tagħhom juru d-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka tal-Karmelu, kult u devozzjoni li ma qatgħu xejn f'dawn l-aħħar 450 sena.

Il-patrijiet Karmelitani responsabbli minn din il-knisja, speċjalment il-Pirjol, wieħed wara l-ieħor, illum immexxija mill-Pirjol Patri Alex Scerri, ħadmu bis-sħiħ matul dawn is-snin kollha biex dak li kien hemm bżonn għas-servizz liturġiku, ikun mill-aqwa u kif suppost. Din is-sena se nagħtu ħarsa lejn affarijiet tal-fidda liturġiċi li għandhom x'jaqsmu mas-Santissimu Sagrament, esklużi impulluzzi u kalċijiet.

Din is-sena se nibdew il-ħarsa tagħna mis-sagristija. Is-sagristija hija għanja bl-armarji ta' injam, xogħol tas-seklu tmintax li b'xi modifiki xejn kumplimentużi, ġiet irranġata kif inhi llum fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, wara li parti minnha ttieħdet biex tkabbret il-knisja. Tal-inqas ġiet salvata u forsi xi darba jinqala' xi benefattur biex tkun restawrata kif suppost. Fil-ġranet tal-festa tkun armata b'għadd ta' pjaneti rrakkmati u lbies liturġiku ieħor antiki u ferm sbieħ. Kaxxa sempliċi tal-fidda, tonda u bl-għatu, għolja 14 cm, tkun fuq wieħed mill-bankuni, pjuttost mitlufa ħdejn il-paramenti sagri. L-unika dekorazzjoni li nsibu fuqha hija inċisa li turi l-arma tal-Monti Carmeli inkurunata. Is-soltu dawn il-kaxxi tondi jkunu żgħar li fihom jitqiegħdu l-Ostji mhux ikkonsagrati biex il-patri jew qassis u ġieli l-Fra jew sagristan, jieħdu l-Ostja kbira u jqegħduha fil-Patena ta' xi Kalċi qabel dawn jinħarġu għall-quddiesa. Din li nsibu fil-knisja tal-Karmnu mhi normali xejn. Fejn is-soltu dawn il-kaxex ikollhom post għal xi tnax-il Ostja mhux ikkonsagrata, din tesa' ferm aktar mid-doppju. X'juri dan - devozzjoni kbira u quddies bla heda fil-jiem tal-festa meta fl-antik fuq kull artal tal-knisja kien isir il-quddies waħda wara l-oħra. Għandha xi tibdil u tiswijiet ta' matul iż-żmien, pereżempju s-salib żgħir ta' fuq l-għatu li jservi ta' pum biex jinfetaħ l-għatu huwa mibdul. Għandha marka fil-qiegħ tagħha li turi li hija ta' żmien il-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccaful (1697-1720). Possibilment, din il-kaxxa (*wafer box*) hija fost l-aktar antiki li nsibu fil-gżejjer Maltin.

Insibu tlett iċwievet tal-bieba tat-Tabernaklu li





**Marka taħt il-marka li turi li hija ta' żmien il-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccaful (1697-1720)**

nsibuh fuq l-artal ta' Sant'Anjeże (ara l-artiklu fil-programm tal-2015). L-ewwel waħda hija pjuttost sempliċi. Hija tal-fidda bla marki imma tidher li hija xogħol Malti tal-bidu tas-seklu għoxrin twila b'kollox 19 cm. Figura tal-Madonna tal-Karmnu bil-Bambin torqom din iċ-ċavetta u bħala *key chain* insibu katina u qalb tal-fidda.

Ċavetta oħra tat-tabernaklu merfugħa ġo kaxxa apposta mhijiex tal-fidda imma tad-deheb, twila b'kollox 18 cm. Tixbah ferm l-ewwel ċavetta. Il-*key chain* hija katina żgħira li tispiċċa fi



speċi ta' ġummiena b'xi inizjali fuqha, mogħtija forsi b'wegħda u għandha wkoll mill-bidu tas-seklu għoxrin. Infatti fuq il-kaxxa nsibu din l-iskrizzjoni:

**DONO FATTO**
**DAL**
**FAM. POLIDANO**
**15-3-1930**





Dan ifisser li l-familja Polidano għamlet din l-għotja fil-15 ta' Marzu 1930. Dawn iż-żewġt iċwievet jistgħu jitqiesu bħala par, waħda għal ċertu festi u l-oħra tad-deheb għall-festa tal-

Karmnu u forsi l-Milied u l-Għid il-Kbir. Ċavetta oħra tal-fidda tat-Tabernaklu hija xi ftit aktar antika ta' lejn l-aħħar tas-seklu dsatax twila 29 cm. Żewġ anġli jżommu kuruna li minnha żżomm katina tal-gran spinat li tispiċċa f'ġummiena tal-filugranu. Għal darb'oħra ma jidhrux marki imma x-xogħol jidher li hu Malti.



Insibu erba' Pissidijiet interessanti. L-aktar antik huwa fuq stil Barokk il-ġmiel tiegħu. Fuq il-pedestall tiegħu naraw l-arma tal-Isqof ta' Malta Fra Davide Cocco Palmieri (1681/4-1711) ma' dik tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680-1690) li kien minn Napli. Cocco Palmieri, Kalabriż, kien Kappillan Konventwali tal-Ordni u kien sinjur minnu u joqgħod Malta u kien l-elemonisiniere ta' dan l-istess Gran Mastru Caraffa. Kien irrinunzja l-kariga meta ġie magħżul fl-1681 minħabba r-renti kbar li kien se jkollu, imma fl-aħħar aċċetta u ġie kkonsagrat fl-1684. Forsi dan il-Pissidi juri mhux biss kemm kien iħobb lill-Madonna tal-Karmnu imma wkoll il-benevolenza tiegħu bil-ġid tal-pensjonijiet li kellu. Dan il-Pissidi, b'tul ta' 31 cm, ġie maħdum bejn l-1681/4 u l-1690 minħabba l-kombinazzjoni tal-armi li tkellimna fuqhom. Huwa ferm dekorat b'disinji arabeski u puttini, fost elementi dekorattivi oħrajn. Oriġinarjament kien maħsul bid-deheb b'xi traċċi għadhom jidhru. L-għatu huwa merqum b'salib li f'xi żmien ġew imqiegħda miegħu ħames djamanti tip rosa.

Pissidi ieħor antik huwa fuq stil Barokk pjuttost ristrett b'tul totali ta' 34 cm. Huwa xogħol Malti, infatti għandu l-marka tal-fidda ta' Malta **M** tal-bidu tal-perjodu Ingliż li turi li huwa ta' finezza ta' 10.5 deniers. Iġib id-data sħiħa **1818** kif ukoll





il-marka tal-arġentier **PX** li hija tal-arġentier Paolo Xicluna (Scicluna) li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-1810. Fuq il-Pissidi nsibu d-data inċiża:

**MDCCCXVIII**

li hija 1818. Iċ-Ċiborju propju huwa maħsul bid-deheb. Fih xogħol ta' sbalzar fin u elementi bħal ma huma puttini u weraq imwaħħlin mas-sieq li huma fonduti. Possibilment dan il-Pissidi sar mill-kunvent.

Ċertu affarijiet tal-fidda bl-użu jiġrilhom ħafna ħsara. Pissidi antik li nsibu f'din il-knisja għadda minn xi trawma sew. Aktarx li kien jintuża ta' kuljum u b'hekk il-ħsarat, wara mijiet ta' snin ta' użu. Partijiet minnu, is-sieq, iċ-Ċiborju, u l-korolla, baqgħu sew u jidhru li huma tal-bidu









Pissidi pjuttost modern huwa ta' manifattura Ingliża. Huwa żgħir fid-daqs, b'tul totali ta' 15-il cm. Il-marki kemm fuq il-Pissidi kif ukoll fuq l-għatu, juru li sar Londra minn E&E fl-1946. Kurżità kif spiċċa f'din il-knisja!



tas-seklu tmintax. Minħabba l-ħsarat, jidher li l-patrijiet kienu ddeċidew f'żewġ okkażjonijiet separati li jibdlu l-pedestall u l-għatu, bejn wieħed u ieħor lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin rispettivament. L-istil ta' dawn il-bidliet mhuwiex l-istess u lanqas kumplimentari għall-oriġinal. It-tul preżenti huwa ta' 26 cm.

Waqt it-tqarbin imqaddes mill-patri jew saċerdot, kont tara abbati attent ferm iżomm plattina tal-fidda ħdejhom biex jekk taqa' l-pellicola jew xi fraka, ma jispiċċawx fl-art. Insibu tliet plattini tal-fidda fil-Bażilika tal-Karmnu. L-aktar antika hija tal-bidu tas-seklu dsatax. Din fiha tul ta' 20 cm u 16 cm wisa'. Għandha Pellikan jitma' minn ġismu liż-żgħar tiegħu, simbolu tal-Ewkaristija minqux fuqha

l-ġmiel tiegħu. Sfortunatament, xi darba sar xi xogħol ta' restawr li ma kienx irnexxa jew kienet suġġetta għal xi ħruq. Hija xogħol Malti, infatti għandu l-marka tal-fidda ta' Malta **M** tal-bidu tal-perjodu Ingliż li turi li huwa ta' finezza ta' 10.5 deniers. Insibu parti mid-data **18??**. Id-data sħiħa fuq il-fidda Maltija baqgħet tintuża sal-1856 u mis-sena ta' wara, bdiet sistema bin-numri konsekuttivi, bin-numru 1 għall-1857. Insibu wkoll il-marka tal-arġentier **FB** li hija tal-arġentier Francesco Bugeja li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-1805. B'hekk naraw li din il-plattina ġiet maħduma bejn l-1805 u l-1856.



Plattina tat-tqarbin tal-fidda, maħsula bid-deheb hija ta' ċertu klassi. Hija fidda ta' Malta b'tul ta' 20 cm b'16 cm wisa' u għandha diversi marki. Minquxa b'sengħa liema bħala, f'nofs il-plattina insibu l-arma tal-Monte Carmeli u titolu:

**FLOS CARMELI**

Din il-frażi tfisser 'Fjur tal-Karmnu', frażi u bidu ta' innu, li jemozzjonaw mhux ftit lill-Karmelitani. Iġġib in-numru **31** f'ċirku li jfisser li saret fl-1887. Hemm ukoll **is-salib ta' Malta f'ċirku** li juri l-finezza tal-fidda li huwa ta' 11-il denier, **S f'maqrut** li hija l-marka tal-Konslu tal-fidda ta' Malta u l-marka tal-arġentier **AVC** li huwa Alfredo Vassallo Cremona li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-1863. Fuq taħt il-plattina, insibu minquxa d-data **1887** u l-inizjali **G.L.A.**, forsi ta' min ta b'donazzjoni. Wieħed irid josserva li dan l-arġentier, Alfredo Vassallo Cremona, kien l-aktar infittex għall-pużati tal-ikel tal-fidda u xogħol barra minn kull daqs ta' frieket, imgħaref, kuċċarini u pużati biex jiġi servut l-ikel bihom, qajla ssib u dejjem f'ambjent domestiku bħal xi *sotto coppa*. Xogħlu fil-knejjes bħal din il-plattina huwa rari immens.








L-aħħar plattina tat-tqarbin tal-fidda li se nikkummenta fuqha, ġiet mogħtija fl-1968. Fiha tul ta' 24 cm b'16 cm wisa'. Fiha nsibu mnaqqxa pjuttost b'mod rozz, id-data 1968 u l-arma tal-Monte Carmeli bit-titolu:

**Zelo Zelatvs Svm Pro Domino Deo Exercituum**

Dan ifisser: "Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej, Alla tal-eżerċti..." meħuda dirett minn fomm il-Profeta Elija mill-ewwel ktieb tas-Slaten 19:10. Plattina pjuttost sempliċi li mill-marki li fiha nafu li saret Malta fis-snin 60 tas-seklu l-ieħor mill-arġentier **PJ** li huwa Joseph

Pirotta li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-1929, il-finezza tal-fidda bil-marka **917** minn 1000 millims tal-fidda pura li huwa l-kalibru ta' Malta u s-salib ta' Malta li jerġa' juri dan.





Il-kult Ewkaristiku jimmanifesta ruħu wkoll bl-espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament f'għadd ta' okkażjonijiet matul is-sena. Biżżejjed insemmu l-adorazzjoni ta' nhar il-Ħamis, il-Kwaranturi, il-purċissjonijiet ta' Corpus u l-Qalb ta' Ġesù u l-barki wara l-purċissjonijiet. Biex jiġi espost is-Santissimu Sagrament, il-knisja Kattolika ħarġet bl-idea tal-isfera jew kif kienu magħrufa bil-latin 'Monstrans' li tfisser "biex turi", fil-każ tagħna l-isferi jintużaw biex tara lis-Santissimu Sagrament. Fis-Santwarju u Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, insibu xejn inqas minn ħamest isferi.

L-aktar sfera antika kienet ġiet mogħtija mill-Isqof ta' Malta Fra Davide Cocco Palmieri (1681/4-1711). Dan għaliex fuq il-bażi ta' din l-isfera, insibu l-arma ta' dan l-Isqof flimkien ma' dik tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680-1690), eżatt bħal ma sibna fuq il-Pissidi li rajna aktar 'il fuq. Żewġ oġġetti sagri ġew mogħtija mill-istess Isqof, li kif rajna ma kienx nieqes mill-flus imma żgur ukoll ma kienx nieqes mill-ġenorożità u mid-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn is-Santissimu Sagrament. Din l-isfera hija twila 73 cm u ġiet maħduma bħall-Pissidi bejn l-1681/4 u l-1690, minħabba l-kombinazzjoni tal-armi li tkellimna fuqhom meta rajna l-Pissidi. L-isfera hija ferm dekorata fuq stil Barokk, b'disinji arabeski u puttini fost elementi dekorattivi oħrajn, kollox sbalzat. Ir-raġġiera hija ferm interessanti fis-sempliċità tagħha. Sfortunatament f'xi żmien, żdieditilha kuruna maħsula bid-deheb. Ma kinitx fil-ħsieb oriġinali tad-disinn, li fil-perjodu tagħha l-isferi ma kellhomx kuruni. Żdiedu wkoll żewġt iċrieket b'ħaġar prezzjuż mal-manku u għadd ta' ħaġar prezzjuż fuq ir-raġġiera li xi darba setgħu kienu brazzuletti, mogħtija mill-ex Pirjol ta' dan il-kunvent, Patri Martin Schembri b'kommemorazzjoni t'ommu li tagħha kienu jappartjenu.

Sfera oħra interessanti ferm teħodna lura għas-seklu tmintax. Inħadmet Palermo, fi Sqallija fuq stil Barokk tal-perjodu. Ftit li xejn hawn xogħol Taljan jew Sqalli f'Malta bħalha. Ir-raġġiera hija magħmula minn tliet raġġieri waħda fuq l-oħra. Sfortunatament f'xi żmien, żdiedet kuruna tal-fidda maħsula bid-deheb fuq din ir-raġġiera li għal darb'oħra, irrid ngħid li m'għandhiex postha hemm għax mhux oriġinali u fil-perjodu li saret din l-isfera, kuruni ma kinux jitqiesu fl-istil. Almenu hija kuruna pjuttost sabiħa mimlija ħaġar prezzjuż. Għadd ta' labar, ġojji, ċrieket u msielet twaħħlu fuq ir-raġġiera u mal-manku, dawn forsi kollha b'wegħdi. Bejn ir-raġġiera u l-manku, insibu żewġ anġli żgħar iżommu emblemi Ewkaristiċi. Il-manku u s-sieq huma kollha ornati b'elementi Barokki ta' weraq u simboli Ewkaristiċi. Fuq il-bażi nsibu tliet armi kollha inkurunati li sa issa ma ġewx identifikati. Kull parti tar-raġġiera hija mmarkata, kif ukoll





għadd ta' biċċiet oħra li jiffurmaw din l-isfera. Il-marki li naraw huma **GLC49** li tirreferi għall-konslu tal-fidda ta' Palermo (*Console dell'Arte*) tas-sena 1749, is-sena meta nħadmet, **Ajkla fuq l-ittri RVP** li hija l-*Bulla di garanzia* jew il-marka tal-fidda ta' Palermo (bħal ta' Malta huwa s-salib tal-Ordni) bl-ittri jfissru *Regia Urbs Panormi* (Is-Sedia u l-Belt ta' Palermo). Fis-seklu dsatax, l-Italja u Sqallija għaddew minn diversi taqbil u l-gvernijiet għal aktar minn darba, irrekwiżizzjonaw kunventi u knejjes sħaħ u l-affarijiet tagħhom ġew mibjugħa. Forsi din l-isfera hija waħda minn dawn l-oġġetti li ġew mibjugħa u spiċċat Malta.

Xogħol Malti xejn komuni fil-knejjes tagħna hija Sfera tal-filugranu twila 68 cm. Xogħol bil-filugranu fil-knejjes Maltin issib ftit li xejn, xi Sfera simili oħra, xi ftit relikwarji u sett impulluzzi jew tnejn, xejn aktar. Mhux faċli li tagħtiha data. Relikwarju simili ħafna, almenu l-bażi tiegħu, huwa ta' żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736). Il-parti tar-raġġiera tixbah ħafna lil Sferi li ġejjin minn Trapani fi Sqallija li huma magħmulin mir-ramm maħsul bid-deheb dekorat bil-qroll aħmar, li minnhom f'Malta għandna tlieta, kollha ġewwa l-belt Valletta (San Ġwann, Santa Katarina u l-Ġizwiti). Eluf ta' biċċiet tal-fidda irqaq jiffurmaw din l-isfera. Fuq il-bażi nsibu biċċa fidda fonduta forma ta' skudett doppju. L-iskudett ta' taħt fih imnaqqax arma tixbah ħafna lil dik tal-familja Depiro u f'dak ta' fuqha, dik tal-Karmnu, l-emblema l-ġdida tas-seklu dsatax.





Xogħol Franċiż, preċiżament minn Pariġi, hija l-fattura ta' sfera oħra li għandha l-marki li juru l-finezza tal-fidda bħala 1st Tetier ta' nofs is-seklu dsatax b'tul ta' 63 cm, maħsula kollha kemm hi










bid-deheb, dak li l-Franċiżi jsejħulu *Vermail* hija maħduma fuq stil Barokk. Raġġiera imponenti toħroġ min-nofs tal-isfera li hija ffurmata minn sħab, putti u emblemi Ewkaristiċi. Il-manku twil huwa dekorat b'emblemi Ewkaristiċi, kollox merfugħ fuq pedestall fuq erba' saqajn li fil-faċċata tiegħu nsibu l-Agnus Dei rieqed fuq salib u l-Bibbja. Matul iż-żmien ġew miżjuda xi ħaġar prezzjuż u labra tad-deheb bi plakka tal-porċellana mpittra, li turi l-Madonna bil-Bambin. Insibu wkoll brazzuletta ta' tifla żgħira mqiegħda f'nofs il-manku. Dawn tal-aħħar huma possibilment *ex-voto*.



Sfera oħra ta' manifattura Franċiża, simili ħafna għal dik ta' qabilha fil-fattura u data, għandha tul ta' 60 cm. Tidher li hi kollha tal-fidda, biss marki ma jidhrux. Hija mogħnija fuq ir-raġġiera b'għadd ta' labar u msielet tas-seklu dsatax bi djamanti stil rosa. Sbieħ tassew huma l-puttini madwar iċ-ċirku tad-deheb li jdawwar kristilla li minnha jkun jidher is-Santissimu Sagrament.



Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla, naraw xi affarijiet oħra tal-fidda li bihom huma mgħammra dan is-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

Fjur tal-Karmelu,
Dielja bil-frott mogħnija;
Dija tas-sema,
Xebba li waħdanija,
B'ġieħ Omm tiftaħar.

Omm l-aktar ħelwa,
Li ġmielek qatt ma ttabba',
Lill-Karmelitani
Ħniena uri u mħabba,
kewkba tal-Baħar.